MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 44/2012

**Mario Borg**

**-vs-**

**L-Onorevoli Prim Ministru; L-Avukat Ġenerali; Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud; u Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors Kostituzzjonali preżentat mir-rikorrent Mario Borg fit-30 ta' Mejju 2012 fejn ġie premess:

Illi Mario Borg ilu għal dawn l-aħħar snin għaddej minn diffikultajiet finanzjarji kbar b'rabta man-negozju li jiġġestixxi, tant li kull ammont ta' flus li jdaħħal qiegħed joħorġu fi spejjeż varji marbuta ma' l-imsemmi negozju tiegħu. Illi minħabba f'hekk, Mario Borg naqas li jottempora ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u per konsegwenza, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud nieda proċeduri kriminali kontra l-istess Mario Borg, liema proċeduri wasslu f'sejbien ta' ħtija kontra l-istess Mario Borg, skond is-sentenzi hawn annessi u mmarkati Dok A, B, C u D rispettivament.

Illi mill-annessi sentenzi, jirriżulta illi Mario Borg diġa' nstab żati mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli ma ottemporax ruħu mad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta1-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att,

Illi s-sitwazzjoni ta' Mario Borg baqgħet dejjem sejra għall-agħar u ma kienx f'pożizzjoni li jottempora ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-sentenzi msemmija u fit-12 ta' Marzu 2012, il-Pulizija Eżekuttiva akkużat lil Mario Borg quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli bħala persuna reġistrata mad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa tal-istess Att, naqas li jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 7 ta' Ottubru 2010, u mogħtija fil-konfront tiegħu in kwantu li naqas kif ordnat fl-imsemmija sentenza li fi żmien tlett xhur mid-data tas-sentenza, jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-

nuqqas jeħel multa oħra ta' €15 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien. Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi mputat jiġi kundannat li jħallas il-penali msemmija fis-sentenza fuq riferita għall-perijodu li jibda mit-8 ta' Jannar 2011 sat-30 ta' Settembru 2011, salv kull penali għall-nuqqas ulterjuri, u dan kif jirriżulta miċ-ċitazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok 'E'.

Illi minkejja li l-proċeduri għar-rigward tal-imsemmija kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għadhom mhux konklużi, Mario Borg għandu interess illi jressaq dan l-umli rikors quddiem dina l-Onorabbli Qorti u dan *stante* li l-eżitu ta' dan ir-rikors għandu effett dirett fuq l-eżitu tal-imsemmija proċedura kriminali u dan fid-dawl tal-fatt li ċ-ċirkostanzi tar-rikorrent baqgħu l-istess.

Illi minkejja li l-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jistipola li *nonostante* li d-denunzja tal-VAT tiġi sottomessa lill-Kummissarju jekk għal xi raġuni, il-persuna taxxabbli ma tħallas l-ammont dovut mas-sottomissjoni tad-denunzja, din id-denunzja tiġi meqjusa mill-Kummissarju bħallikieku ma tkunx ġie sottomessa u konsegwentement għandu dritt li jniedi l-proċeduri kriminali relevanti kontra l-istess persuna taxxabbli. Flimkien ma' dawn il-proċeduri, il-Kummissarju tal-VAT huwa ntitolat ukoll li jimponi multi amministrattivi fid-diskrezzjoni tiegħu kif ukoll imgħax ikkalkolat fuq stima li tinħareġ mill-Kummissarju stess.

Illi *di piu*, minkejja li persuna tkun diġa' ġiet soġġettata għall-pieni amministrattivi u ġudizzjarji kif msemmija, jekk dik il-persuna, għal xi raġuni jew oħra, tibqa' ma tottemporax ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, dik il-persuna tiġi soġġetta għal multa addizzjonali għal kull jum li fih tkun għadha ma ottemporatx ruħha ma' l-imsemmi Att.

IR-RAĠUNI TAT-TALBA:-

In-natura tal-multi u penali stabbiliti bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud:-

Illi l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jikkontjeni diversi Artikoli li jistabbilixxu l-pieni, kemm penali u kemm "amministrattivi" għal kull persuna taxxabbli li ma tħarisx id-dispożizzjoni tal-Att. illi, l-Artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jistipola li persuna li tikser id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (a) – (d) tal-istess Artikolu:-

***"Tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt Ewro (€700) u mhux iżjed minn tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500)*** *u, fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti għandha tordnalha biex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, iżda f'kull każ mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jagħmel ir-reat ikollu in alias multa oħra ta' mhux inqas minn ħames Ewro (€5) u mhux iktar minn għoxrin Ewro (€20) għal kull żmien li matulu jkompli in-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-Qorti" (sottolinear tal-esponenti)".*

*Illi dan l-Artikolu jrid jiġi eżaminat ukoll fid-dawl tal-Artikolu 83(3) tal-imsemmi Att li jistipola li "Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħt dan l-Att u l-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi piena għal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penali amministrattiva*

*taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima."*

Illi dan l-Artikoli flimkien jiksru b'mod ċar u lampanti numru ta' prinċipji bażilari fil-liġi nostrana. Dawn l-Artikoli, flimkien ma' l-Artikoli 37, 37A, 38, 39, 40, 41, 58 u 59 tal-istess Att joħolqu mekkaniżmu fejn persuna taxxabbli li ma tkunx ħarset xi dispożizzjoni tal-Att tista' tiġi misjuba ħatja tlett darbiet għall-istess fatt.

**Il-"penali amminsitrattiva":**

Illi minkejja li l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jippreskrivi li l-Kummissarju tal-VAT jista' jimponi penali amministrattiva fuq persuna taxxabbli, din l-istess persuna ma tistax tkun parteċipi fil-komputazzjoni ta' din il-penali mill-Kummissarju tal-VAT u għalkemm l-Att jagħti lok għall-appell minn tali penali, huwa bissa wara li l-persuna taxxabbli tkun servuta b'talba għal dan il-ħlas li tista' tappella minn tali penali.

Illi minkejja li l-liġi ssejjaħ din il-penali bħala waħda "Amministrattiva", il-gravita' ta' tali penali tista' tkun kbira ħafna. Għar-rigward ta' dawn it-tip ta' penali, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-każ **"A.P., M.P and T.P. vs Switzerland"**, deciża fid-29 ta' Awissu 1997, irriteniet f'para. 39 li:-

*"The Court reiterates that the concept of 'criminal charge' within the meaning of Article 6 is an autonomous one. In earlier case-law the Court has established that there are three criteria to be taken into account when it is being decided whether a person was 'charged with a criminal offence' for the purposes of Article 6. These are the classification of the offence under national law, the*

*nature of the offence and the nature and degree of severity of the penalty that the person concerned risked incurring (see, among other authorities, the **"Ozturk vs Germany"** judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, p. 18, § 50)."*

Illi stabbilit dan kollu, huwa ċar li l-penali "amministrattiva" għandha titqies bħala *'a criminal charge'* fid-dawl tas-sentenza sopra ċitata.

**Il-proċedura penali per eċċellenza:-**

Illi l-Artikolu 76 tal-Att, flimkien ma' l-Artikolu 83, jistabbilixxu illi *nonostante* li l-Kummissarju jkun ħareġ penali amministrattiva, il-Kummissarju tal-VAT jista' wkoll jibda proċeduri penali quddiem il-Qorti kompetenti sabiex persuna tinstab ħatja skond l-istess Artikolu 76 tal-Att.

Dwar din it-tieni proċedura, l-element penali huwa ċar u inekwivoku u ftit hemm dwar xiex wieħed għandu jiddelunga.

**Il-proċedura tal-multa "per diem":-**

Illi t-tieni parti tal-Artikolu 76 tal-Att sopra ċitat jistipola li:-

*"Tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn seba' mitt Ewro (€700) u mhux iżjed minn tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500) u, **fuq talba tal-prosekuzzjoni, il-Qorti għandha tordnalha biex tikkonforma ruħha mal-liġi fi żmien biżżejjed biex tkun tista' tagħmel dan, iżda f'kull każ mhux iktar minn tliet xhur, u fin-nuqqas min jagħmel ir-reat ikollu in alias multa oħra ta' mhux inqas minn ħames Ewro (€5) u mhux iktar***

***minn għoxrin Ewro (€20) għal kull żmien li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-Qorti"*** *(sottolinear tal-esponenti).*

Illi anke hawnhekk, dan l-istess Artikolu jippreskrivi kosegwenzi penali f'każ li persuna tippersisti fin-nuqqas tagħha għal xi raġuni jew oħra. Illi dan jemerġi mid-diċitura stess tal-imsemmi Artikolu fejn tintuża espliċitament il-kelma "Multa". Din il-kelma trid tiġi eżaminata fl-isfond tal-Artikolu 7(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali li jistipola li l-multa hija waħda mill-pieni li jistgħu jingħataw **għad-delitti**.

**Ksur tal-Prinċipju ta' Ne Bis in Idem:-**

Illi fil-każ *de quo*, il-ksur tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa proprju li r-rikorrenti, minkejja li sottometta d-denunzji relevanti, ġie meqjus mill-Kummissarju tal-VAT li ma ssottomettiex tali denunzji u dan *stante* li ma sottomettiex ukoll il-ħlas relattiv. Illi huwa proprju dan in-nuqqas li skatta l-proċeduri "amministrattivi", il-proċeduri kriminali per eċċellenza u issa, l-proċeduri għall-ħlas ta' multa għan-nuqqas wara li għadda ż-żmien, komunement imsejħa l-*'per diem'*. B'hekk jirriżulta illi l-istess fatt ta lok għal tlett proċeduri punittivi kontra l-istess persuna taxxabbli.

Illi dan huwa ksur ċar u manifest tal-prinċipju ta' *'rie bis in idem'* fejn ir-rikorrenti qiegħed preżenjalment jaffaċċja t-tielet proċedura kriminali għar-rigward tal-istess fatt – u ċjoe' l-fatt li ma ssottomettiex il-pagamenti lill-Kummissarju tal-VAT.

**Diskrezzjoni larga li mhux imsejsa fuq ir-"Rule of Law":-**

L-Artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jagħti diskrezzjoni vasta lill-prosekuzzjoni kif ukoll lill-Kummissarju tal-VAT mingħajr ma jagħti kontroll effettiv dwar kif għandha tigi eżerċitata din id-diskrezzjoni.

Illi di fatti, l-istess Artikolu jistipola li t-talba biex il-Qorti tordna lill-persuna misjuba ħatja tottempora ruħha mad-dispożizzjonijiet tal-Att fiż-żmien stipolat hija interament imħollija f'idejn il-prosekuzzjoni. Dan ifisser effettivament li jekk il-prosekuzzjoni jidhrilha li, għal xi raġuni jew oħra, m'għandiex tagħmel tali talba fil-konfront ta' każ partikolari, il-Qorti hija prekluża milli tagħmel tali ordni. Illi *di piu*, l-Att ma jagħti l-ebda direzzjoni dwar kif għandha tiġi eżerċitata din id-diskrezzjoni u b'hekk joħloq sitwazzjoni ta' inċertezza li mhux ibbażata fuq il-prinċipju ta' *"Rule of Law"* b'dan li tista' potenzjalment issir diskriminazzjoni lampanti bejn żewġ każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att.

Illi din is-sitwazzjoni hija reża aktar gravi bil-fatt li minn imkien ma tirriżulta fl-imsemmi Att xi dispożizzjoni li tirregola l-mod ta' kif persuna li, għad li tkun instabet ħatja mill-Qorti kompetenti li ma ħallsitx l-ammonti dovuti lid-Dipartiment tal-VAT, terġa' tiġi akkużata li ma ottemporatx ruħha mal-ordni tal-Qorti.

Illi dan in-nuqqas ta' kontroll effettiv fuq il-prosekuzzjoni qiegħed jikkreja nċertezza fil-konfront tar-rikorrenti u dan għaliex il-prosekuzzjoni tista', minn ħin għall-ieħor u mingħajr pre-avviż, tniedi akkużi ġodda għar-rigward kemm tal-każ *de quo*, kif ukoll għar-rigward tal-każijiet l-oħra li għandu deċiżi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif sopra elenkati.

In effetti, dan in-nuqqas ta’ kontroll qiegħed jagħti *carte blanche* lill-prosekuzzjoni sabiex tressaq persuna meta, jew jekk jidhrilha li għandha tressaqha għar-rigward tal-multa *‘per diem’* u dan joħloq sitwazzjoni ta’ inċertezza li tmur kontra l-prinċipju tar-*“Rule of Law”* u ċ-ċertezza legali rikjesta.

Illi f’dan id-dawl, issir referenza għall-każ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **“Silver and Others vs The United Kingdom”**, tal-25 ta' Marzu 1983 fejn ġie ritenut illi:-

*“90. The applicants further contended that the law itself must provide safeguards against abuse.*

*The Government recognised that the correspondence control system must itself be subject to control and the Court finds it evident that some form of safeguards must exist. One of the principles underlying the Convention is the rule of law, which implies that an interference by the authorities with an individual's rights should be subject to effective control (see, inter alia, the Klass and others judgment of 6 September 1978, Series A no. 28, pp. 25-26, § 55). This is especially so where, as in the present case, the law bestows on the executive wide discretionary powers, the application whereof is a matter of practice which is susceptible to modification but not to any Parliamentary scrutiny (see paragraph 26 above).*

*However, the Court does not interpret the expression "in accordance with the law" as meaning that the safeguards must be enshrined in the very text which authorises the imposition of restrictions. In fact, the question of safeguards against abuse is closely linked with the question of effective remedies and the Court*

*finds' it preferable to take this issue into account in the wider context of Article 13 (art. 13) (see paragraphs 111-119 below).”* (Sottolinear tal-esponenti)

**Ksur tal-Valur tal-Proporzjonalita’:-**

Illi huwa paċifiku fil-liġi li l-Istat għandu d-dritt li jintaxxa liċ-ċittadini tiegħu iżda huwa paċifiku wkoll li tali taxxa għandha tkun proporzjonali u ma toħloqx piż eċċessiv fuq il-persuni. Jiġi sottomess illi minkejja li l-mekkaniżmu ta’ kif tiġi kkalkolata t-taxxa fuq il-Valur Miżjud hija wahda proporzjonali u bbażata fuq il-*purchasing power* tal-persuna taxxabbli, il-konsegwenzi li persuna jaffaċċja f’każ li ma jsegwix id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att huma għall-kollox sproporzjonati u drakonjani.

Illi l-mekkaniżmu kkreat bl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud huwa mekkaniżmu li jikser id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem u dana għaliex persuna taxxabbli se tkun soġġetta għal tlett tipi taż proċeduri kriminali għall-istess fatt filwaqt li l-Kummissarju tal-VAT u l-prosekuzzjoni għandhom diskrezzjoni assoluta ta’ kemm u meta persuna għandha twieġeb għan-nuqqasijiet tagħha u dan mingħajr ma jingħata kont taċ-ċirkostanzi partikolari u individwali tal-persuna taxxabbli li tista’ tinsab fihom minn żmien għal żmien.

**IT-TALBA TAR-RIKORRENTI:-**

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Tiddikjara illi, għar-raġunijiet fuq esposti, l-Artikoli 37, 37A, 38, 39, 40, 41, 58, 59, 76 u 83 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta’ Malta) jikser id-drittijiet

u l-libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-Artikolu 39;

2. Tiddikjara illi, għar-raġunijiet fuq esposti, l-Artikoli 37, 37A, 38, 39, 40, 41, 58, 59, 76 u 83 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) jiksru d-drittijiet u Libertajiet Fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem:

   (a) Fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nkorporat fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u

   (b) Fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni;

3. Tiddikjara konsegwentement li l-Artikoli 37, 37A, 38, 39, 40, 41, 58, 59, 76 u 83 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) huma nulli u bla effett in kwantu li huma leżivi tal-Artikoli preċitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni ;

4. Tiddikjara konsegwentement illi d-diskrezzjoni mħollija f'idejn il-Kurnmissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud kif ukoll fuq il-prosekuzzjoni *ai termini* tal-Artikoli 37, 37A, 38, 39, 40, 41, 58, 59, 76 u 83 tal-Att Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikoli preċitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;

5. Tiddikjara, għar-raġunijiet suesposti, illi l-akkużi miġjuba kontra r-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Ġudikatura Kriminali kif sopra ċitati jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti mill-Artikoli preċitati tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni;

6. Tordna, konsegwentement illi tali proċeduri msemmija għandhom jiddeżistu milli jitkomplew;

7. Tiddikjara illi bl-aġir taghhom l-intimati jew min minnhom huma responsabbli tal-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif premess;

8. Tiffissa kumpens xieraq dovut lir-rikorrenti għall-vjolazzjonijiet fuq imsemmija;

9. Tordna lill-intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lir-rikorrenti;

10. Tagħti kull rimedju, direttiva u kumpens ieħor li jidhrilha xieraq u opportun a tenur tal-Artikoli 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Rat ir-risposta tal-intimati preżentata fil-15 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha eċċepew:

**(A) L-Eccezzjonijiet Preliminari**

1. Illi fl-ewwel lok, l-Onorevoli Prim' Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju *stante* li mhux il-leġittimu kontradittur *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent ma eżawrixxiex ir-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, konsistenti f'appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati fil-konfront tiegħu;

**(B) Il-Mertu**

3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għas-segwenti raġunijiet li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

4. Illi a kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat far-rikors promotur, mhux minnu li l-penalitajiet amministrattivi ġew imposti mingħajr l-ebda proċess li jista' jitqies li jissodisfa smiegħ xieraq. Fil-fatt a kuntrarju ta' dak li qed jallega r-rikorrent, l-Artikolu 44(k) tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap 406) jistipula li jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta mposta bħala riżultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tiġi riferita lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud minn kull persuna li tissodisfa l-Bord li għandha interess dirett f'dik il-kwistjoni;

5. Illi l-pretensjoni tar-rikorrent li l-multi amministrattivi kif ukoll l-imgħax in kwistjoni għandhom jitqiesu bħala penalitajiet ta' natura kriminali hija għal kollox inkorretta u insostenibbli. L-Artikoli 76 sa 84 tal-Kap 406, jipprovdu għal reati u pieni kriminali li jistgħu jiġu mposti unikament wara li jkun hemm kundanna mill-Qrati ta' Malta. Effettivament, l-esponent Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) m'għandux il-poter li jimponi penali ta' natura kriminali, apparti l-fatt illi li kieku l-leġislatur ried li l-penali amministrattivi u l-imgħax ikunu meqjusa bħala reat kriminali, kien jinkludihom fl-Artikoli hawn fuq imsemmija. Per konsegwenza, l-istess penali u mgħax impost mill-intimat Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) ma jikkwalifikawx bħala piena għal reat ta' natura kriminali fil-liġi kif qed jiġi żbaljatament allegat mir-rikorrent;

6. Illi l-multi li ġew imposti mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati huma l-konsegwenza ta' sejba ta' ħtija ta' reat kriminali u bħala tali huma pagabbli u dovuti lir-Reġistratur tal-Qrati. Illi dawn huma ben diversi mill-penali u mgħax amministrattiv

dovuti lill-intimat Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) *ai termini* tal-Artikoli 21 (4) u 38 sa 41 tal-Kap 406. Għaldaqstant kull allegazzjoni da parti tar-rikorrent li l-penali amministrattiv u l-imgħax huma allegatament ta' natura kriminali hija manifestament infondata;

7. Illi mir-Rikors promotur jidher li r-rikorrent mhux qed jagħmel id-distinzjoni netta li tiddifferenzja l-penali amministrattivi minn multi ta' natura penali;

8. Illi effettivament, id-danni li allegatament qed isofri r-rikorrent huma unikament il-konsegwenza tal-aġir u n-nuqqas tiegħu stess u ċertament mhumiex attribwibbli għal xi nuqqas *da parte* tal-intimati;

**(C) L-Allegat Ksur tal-Prinċipju ta' *Ne Bis in Idem***

9. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrent li l-Artikoli imsemmija tal-Kap 406 jiksru id-drittijiet tal-bniedem bi ksur tal-prinċipju *Ne bis in idem*, l-esponenti jirribattu li ma hemm l-ebda konsegwenzi kriminali dupplici jew saħansitra tripplici fil-każ odjern kif qed jallega r-rikorrent. Fil-fatt, kif spjegat aktar 'il fuq hemm distinzjoni ċara bejn il-penali amministrattivi u l-imgħax dovut *ai termini* tat-Taqsima I sat-Taqsima IX (inklussivi) tal-Kap 406 u l-multi li jistgħu jiġu mposti minn Qorti Kriminali fuq sejba ta' ħtija ta' wieħed jew aktar mir-reati skond it-Taqsima X tal-Kap 406 dwar Reati u Pieni;

10. Illi l-argumenti addottati mir-rikorrent ma jsibux komfort fil-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea. Il-Qorti ma ddeċidietx li ma jistgħux jittieħdu azzjonijiet kriminali u ċivili (amministrattivi) kontemporanjament. A kuntrarju ta' dak li qed jiġi allegat, il-Qorti ma tippermettix li l-multa ċivili tkun fil-verita ta' natura kriminali, u dan ċertament mhux il-każ fis-sitwazzjoni odjerna;

11. Illi għalhekk iċ-ċirkostanizi odjerni ma jagħtu l-ebda lok għal ksur tal-prinċipju tan-*Ne bis in Idem*;

**(D) L-Allegat diskrezzjoni larga li allegatament mhux imsejsa fuq ir-Rule of Law**

12. Illi l-esponenti jirribattu li mhux minnu li l-intimat Direttur Ġenerali (VAT) għandu diskrezzjoni larga li mhux imsejsa fuq ir-Rule of Law *stante* li l-proċeduri a tenur tal-artikolu 76 tal-Kap 406 jittieħdu fil-konfront ta' kulħadd wara li tingħata opportunita' li persuna tottempora ruħha mal-Kap 406;

**(E) L-Allegat Ksur tal-Valur tal-Proporzjonalita'**

14. *(sic)* Illi mhux minnu li l-Artikoli tal-Kap 406 jiksru id-drittijiet tar-rikorrent, *stante* li mhux minnu li huma sproporzjonati;

15. Illi ċ-ċirkostanzi tar-rikorrent odjern juru nuqqasijiet serji *da parte* tiegħu li jagħmel debitament id-denunzji tal-VAT u jgħaddi t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud miġbura minnu f'isem il-Gvern ta' Malta skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap 406;

16. Illi effettivament il-Kap 406 ma joħloq l-ebda piż eċċessiv fuq il-privat kif qed jallega r-rikorrent. *Inoltre*, l-intimati jirribattu li l-multi mposti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali wara sejba ta' ħtija, huma pagabbli lir-Reġistratur tal-Qrati u mhux lill-intimati;

17. Illi dwar il-multa *per diem* imposta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, hekk kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet annessi mar-rikors promutur, tiskatta biss jekk ir-rikorrent ma jikkonformax ruħu mal-liġi fiż-żmien ta' tett xhur mogħti lilu minn dik l-Onorabbli Qorti;

18. Illi *inoltre*, l-esponenti intimati jirribattu li n-nuqqas ta' proporzjonalita' allegata mir-rikorrent ma tissustix u ma hemm l-ebda *excessive burden* fuq ir-rikorrent;

**(F) L-Allegat Ksur tal-Prinċipju ta' Smiegħ Xieraq**

19. Illi l-allegat ksur tal-Artikolu 6, li skond ir-rikorrent seħħ huwa għal kollox infondat *stante* li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji, senjatament id-dritt ta' Appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva (VAT) ġja' l-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *ai termini* tal-Artikolu 44(k) tal-Kap 406;

20. *Inoltre*, *stante* li r-rikorrent qed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq allegazzjoni ta' proċeduri li jiksru l-prinċipju u d-dritt ta' *'ne bis in idem'*, allura l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiġi superfluwu, u dan skond l-insenjament tal-istess Qorti Ewropea. Fil-fatt il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Ruotsalainen qalet:

*"3. The applicant complained that the failure to comply with the non bis in idem rule also amounted to a violation of Article 6 of the Convention.*

*4. The Court notes that principle is embodied solely in article 4 of Protocol No.7; the other provisions of the Convention do not guarantee compliance with it either expressly or implicitly (see Ponsetti and Chesnel v. France (dec.), cited above). It follows that this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35 § 3 and must be rejected in accordance with Article 35 § 4."*

21. Illi għalhekk huwa evidenti li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati u l-Ġurisprudenza kkwotata minnu inapplikabbli;

22. Illi ma hemm l-ebda raġuni valida fil-liġi sabiex l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent jiddesistu kif qed jintalab mir-rikorrent, liema talba hija bir-rispett kollu insostenibbli;

23. Illi *di piu*, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, *dato ma non concesso* li hemm xi ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent, ma hemm l-ebda lok għal kumpens;

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors odjern; bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Lulju 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta' tan-noti li pero' ma ġewx preżentati;

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-intimati hija li l-Qorti għandha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 u l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, *stante* li r-rikorrenti qed jadopera

proċedura stroardinarja bħal dik odjerna meta kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji biex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Minħabba n-natura perentorja ta' din l-eċċezzjoni il-Qorti se tittratta lilha l-ewwel.

Illi din l-eċċezzjoni qed issir peress li r-rikorrent, li qiegħed jallega li ġew lesi d-drittjiet kosituzzjonali bil-mod fuq imsemmi, naqas li jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati u kwindi l-intimati qed jeċċepixxu illi l-Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' r-rikors *ai termini* tal-proviso wara l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u dak 4 (2) tal-Kapitolu 319.

Illi l-proviso ndikat mill-intimati jgħid eżattament hekk: *"Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li meżżi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.* (**46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 (2) tal-Kapitlu 319 jgħidu l-istess ħaġa).**

Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **"Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** (7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi precedenti, qalet fost affarijiet oħra:

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali;*

a. *Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

b. *Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' illegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.*

c. *Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

d. *Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

e. *Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

f. *Meta l-ewwel Qorti teżerċita' d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet **"Philip Spiteri vs Sammy Meilaq"** (8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li *"meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni."*

F’din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma ‘*komplessa’* jiżdied il-kliem *‘jew inkella mħallta’.*

Illi issa fil-każ in eżami r-rikorrenti indubbjament kellu r-rimedju legali oħra disponibbli għalih u huwa għażel li ma jagħmilx dan.

Illi l-Qorti jidhrilha li l-eċċezzjoni fil-kaz in kwistjoni hija fondata u għandha tiġi akkolta. Fil-kawża fl-ismijiet **“Maria *sive* Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et”** (Prim’ Awla Kostituzzjonali, 30 ta’ Settembru 2010) ġie dikjarat illi:

*“L-eżistenza ta’ rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista’ jiġi segwit b’mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali.”*

Illi f’dan is-sens wieħed jista’ jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **“Joseph Fenech vs Awtorita’ tal-Ippjanar et”** deċiża fid-9 ta’Novembru 2012 .

Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu nvokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li *'kienu disponibbli'* u allura anke jekk kien hemm mezzi li *kienu* disponibbli għar-rikorrent iżda li minhabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli) il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha. F'dan il-każ ċertament il-Qorti tħoss li jkun abbuż mill-proċeduri kostituzzjonali jekk l-ilmenti tar-rikorrent jiġu nvestigati meta lanqas biss ipprova juża l-mezzi disponibbli għalih – anzi jidher li dawn il-mezzi għadhom sal-lum disponibbli. Wieħed ma jistax jaqbad u jistitwixxi proċeduri kostituzzjonali sempliċement qata' qalbu mill-proceduri ordinarji. Dwar dan din il-Qorti ipprununzjat ruħha b'dan il-mod fil-kawża fl-ismijiet **"John Grech vs Prim Ministru et"** deċiża fid-29 ta' April 2013.

Illi wieħed għandu jgħid ukoll li l-istess rikorrenti fil-mori tal-proċedura applika biex jibbenefika minn amnestija li daħlet fis-seħħ tramite l-Att XIV tal-2013 u allura seta' jgawdi minn riduzzjoni tal-penali u interessi (fol 61).

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni msemmija tal-intimati u tirrifjuta li teżerċita s-setgħet tagħha *ai termini* tal-Artikolu 4 (2) tal-Kap. 319 u 46 (2) tal-Kostituzzjoni.**

**L-ispejjeż kollha jkunu a kariku tar-rikorrent.**

**Moqrija.**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------